MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1584/2003

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**Vs**

**Edwige Spiteri**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' Lm974.06c (disa' mija u erbgha u sebghin lira Maltin u sitt centezmi) rappresentanti kontijiet pendenti ghall-konsum ta' l-ilma u kera ta' meter ta' l-ilma, li jammonta ghal Lm206.55c (mitejn u sitt liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu), u ghall- konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku, li jammonta ghal Lm767.51c (seba' mija u sebgha u sittin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu), fil-fond 99 Pert Flat 2, Triq Ganu, B'Kara, ghall-perjodu 10 ta' Marzu, 1996 sal-10 ta' Dicembru,

1998 skond il-kont numru 565055150 u d-dokumenti annessi ma’ l-Avviz u mmarkati WSC1.

Bl-ispejjez, inkluzi Lm5.00c (hames liri Maltin) ta’ l-ittra legali tal-11 ta’ Novembru, 2002 u Lm11.50c (hdax-il lira Maltin u hamsin centezmu) spejjez ta’ l-ittra ufficjali tal-20 ta’ Frar, 2003 u bl-imghax kummercjali, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra l-Kapitolu tal-korporazzjoni attrici;

Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------